**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015**

**App. Nru. 297/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Paul Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi John Paul Mifsud, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 531495(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Ġunju 2012 għall-ħabta ta' 11:55hrs waqt li kien fl-inħawi tal-bajja tal-Għadira limiti tal-Mellieħa, saq Dinghy ta' daqs 5 piedi b'mutur 6 hp tal-marka Mercury, ma kellux fuq bastiment żgħir taħt dawn ir-regolamenti numru u marki distinti mogħtija lilu u murija ċar ħafna fuq il-bastiment żgħir b'dak il-mod li l-Awtorita` tordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment żgħir, in-numru u l-marka distinti jkunu l-istess bħal dawk murija fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni Reg. 22 u Reg. 45 it-Tielet Skeda SL 499.52;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ġunju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 22 u 45 it-Tielet Skeda SL 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi John Paul

Mifsud ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tliet mitt euro (€300);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Paul Mifsud ppreżentat fil-21 ta' Ġunju 2013 fejn talab li din il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka, tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tilliberah u teħilsu minn kull imputazzjoni, ħtija u piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant John Paul Mifsud huwa li r-reat addebitat lilu ma setax legalment jirriżulta fil-fattispeċi partikolari ta' dan il-każ. Jgħid:

> "Illi huwa evidenti, u dan anke mill-komparixxi li permezz tieghu gew istitwiti dawn il-proceduri, li l-esponenti gie mixli bi ksur tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 183/2008. Dan ir-Regolament jipprovdi kif gej:
>
>> "'**22.** (1) Kull bastiment żgħir reġistrat taħt dawn ir-regolamenti għandu jkollu numru u marka distinti mogħtija lilu u murija ċar ħafna fuq il-bastiment żgħir b'dak il-mod li d-Direttur Eżekuttiv jordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment żgħir. In-numru u l-marka distinti jkunu l-istess bħal dawk murija fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.
>>
>> "'Bastimenti żgħar tas-sajd għandu jkollhom dawk il-marki u numri mogħtija lilhom mid-Dipartiment responsabbli għas-sajd u l-akwakultura.
>>
>> "'Id-dgħajjes tal-pass għandhom iġibu n-numru tagħhom flimkien ma' l-ittra "P" miżbugħin b'mod ċar ħafna bl-iswed fuq sfond ta' strixxa bajda fuq kull ġenb tal-pruwa tagħhom.
>>
>> "'Bastimenti żgħar oħra mhux imsemmija fil-paragrafi ta' hawn aktar qabel għandhom iġibu l-ittra "S" flimkien man-numru mogħti lilhom.
>>
>> "'(2) Persuna reġistrata bħala sid tal-bastiment żgħir għandha tiżgura li fi żmien tletin jum mid-data li fiha tkun bdiet isseħħ ir-reġistrazzjoni ta' dak il-bastiment żgħir, ikun hemm miżbugħ b'mod ċar jew imwaħħal fuq xi wiċċ fuq barra tal-bastiment żgħir, jew fuq xi parti oħra tal-bastiment żgħir li tista' tiġi approvata mid-Direttur Eżekuttiv, in-numru u l-marka tar-reġistrazzjoni, u li dawk il-marki jinżammu f'kondizzjoni tajba u jiġġeddu kif ikun meħtieġ matul il-perijodu ta' reġistrazzjoni tal-bastiment żgħir.
>>
>> "'(3) Kemm-il darba d-Direttur Eżekuttiv ma jordnax xort'oħra:

"'(a) l-ittri u n-numri mogħtija lil kull bastiment żgħir għandhom mill-inqas ikunu għoljin 15.24 ċentimetri u wesgħin 7.6 ċentimetri bi spazju bejn kull numru jew ittra ta' mhux anqas minn 2 ċentimetri; u

"'(b) bastimenti żgħar ta' sidien privati għandu jkollhom l-ittri u n-numri tagħhom miżbugħin bl-iswed fuq sfond abjad, filwaqt li dawk użati għall-kiri għandhom ikunu miżbugħin bl-abjad fuq sfond iswed.

"'(4) Id-Direttur Eżekuttiv jista' jordna li s-sidien ta' bastimenti żgħar reġistrati taħt il-kategoriji taħt dawn ir-regolamenti għandhom juru n-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom flimkien ma' kull tabella ta' identifikazzjoni li tinħareġ mill-Awtorità.

"'(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 45 u 48, bastimenti żgħar mingħajr ittri u numri ta' reġistrazzjoni bħal dawn lilu mogħtija jitqies daqslikieku kien bastiment żgħir mhux reġistrat u l-Awtorità jista', sakemm il-bastiment żgħir ma jiġix immarkat fi żmien erbat ijiem minn meta jingħata avviż, jordna li l-bastiment żgħir jitneħħa u jittieħed fil-kustodja. Dak il-bastiment żgħir jingħata biss lura wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha li tkun għamlet l-Awtorità u wara li tinġieb prova dwar min ikun is-sid għas-sodisfazzjon tal-Awtorità.'

"Illi minn ezami tad-disposizzjoni hawn fuq riprodotta, ghandu jirrizulta li l-elementi tar-reat kontemplat fir-regolament 22 huma s-segwenti:

"'(i) Li jkun hemm bastiment zghir li jkun registrat;

"'(ii) Li n-numru u, jew il-marki moghitja mill-Awtorità kompetenti b'konsegwenza tar-registrazzjoni ma jkunux gew murija fuq il-bastiment b'mod car hafna kif indikat fit-tielet subinciz;

"'(iii) Li s-sid registrat tal-bastiment iz-zghir jibqa' ma jurix dawn il-marki jew numri kif trid il-ligi wara d-dekors ta' tletin jum mid-data tar-registrazzjoni.'

"Illi s-sottomissjoni tal-esponenti hija li minn ezami ta' dan ir-Regolament, u minn ezami tal-elementi tar-reat li bih huwa gie mixli, huwa evidenti li sabiex persuna tinstab hatja tar-Regolament 22 huwa necessarju li qabel xejn ikun hemm bastiment zghir li jinsab registrat mal-Awtorita' kompetenti. Dan tant huwa minnu li n-numru jew marki li jridu jigu murija fuq il-bastiment iz-zghir ma jkunux jezistu qabel dik ir-registrazzjoni. Mhux hekk biss, imma persuna ma tistax tinstab hatja ta' dan ir-reat qabel ma jghaddu tletin jum mir-registrazzjoni tal-bastiment zghir u tkun ippermettiet li dak il-bastiment jibqa' minghajr il-marki jew numri in kwistjoni.

"Illi in oltre, mid-dicitura tal-ligi stess jirrizulta li l-persuna li tista' tinstab hatja ta' dan ir-reat hija s-sid registrat tal-bastiment, bil-konsegwenza li jekk ma jkun hemm hadd registrat bhala sid, mela allura jonqos certament is-suggett attiv tar-reat ipotizzat fl-akkuza.

"Illi mill-fatti li gew prospettati waqt is-smiegh tax-xhieda, jirrizulta li n-nuqqas tal-esponenti kien se mai jinkwadra ruhu taht ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 183/2008, fejn kulhadd huwa ipprojbit milli jaghmel uzu minn bastiment zghir fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta jekk dak il-bastiment ma jkunx qabel gie registrat. Din id-dispozizzjoni fil-fatt tipprovdi kif gej:

> "'L-ebda bastiment żgħir m'għandu jintuża fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta kemm-il darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat mad-Direttur Eżekuttiv taħt dawn ir-regolamenti jew kemm-il darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew taħt l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, jew kemm-il darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat jew dokumentat għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità taħt il-liġi ta' xi pajjiz ieħor li mhux Malta.'

"Illi fir-reat ipotizzat fir-Regolament 3(1), kull min jaghmel uzu minn bastiment mhux registrat jista' jinstab hati, ghaliex il-ligi innifisha testendi l-effetti taghha ghall-utent tal-bastiment mhux registrat. Min-naha l-ohra, fil-kaz tar-Regolament 22, il-ligi hija tant iehor cara meta timponi fuq is-sid registrat tal-bastiment l-obbligu li jindika l-marki u n-numri konsegwenzjali ghar-registrazzjoni fuq il-bastiment iz-zghir. Huwa biss logiku allura li f'kaz ta' bastiment li m'ghandu l-ebda sid registrat, ma tista' qatt tinstab htija taht ir-Regolament 22."

**6.** Fil-każ in eżami, l-appellant kien ġie osservat mill-Pulizija fuq *dinghy* b'mutur 6 h.p., liema *dinghy* kien mingħajr *markers*. L-appellant xehed li kien għadu kemm xtara d-*dinghy* u qabel ma jagħmlilha *markers* ried jara jekk kinitx iżżomm. Għalhekk niżżilha fl-ilma u filwaqt li kien biss żewġ piedi bogħod mill-opra tal-baħar tiegħu bl-isem ta' Toya, u kien għadu kemm startja l-mutur, tfaċċaw il-Pulizija. Mix-xiehda ta' Patrick Pollacco, *enforcement manager* ma' Transport Malta, jidher illi hija prassi li fejn si tratta ta' *tender*, huwa suffiċjenti li fuq it-*tender* ikun hemm l-ittra T u l-isem tal-*mother vessel*.

**7.** L-appellant, pero`, ġie akkużat bi ksur tar-regolament 22 ta' l-Avviż Legali 183/2008 (S.L. 499.52). Skond dan ir-regolament, kull bastiment żgħir reġistrat taħt l-imsemmijin regolamenti għandu jkollu numru u marka distinti mogħtija lilu u murija ċar ħafna fuq il-bastiment żgħir. Jirriżulta li fil-ġurnata in kwistjoni d-*dinghy* ma kienx reġistrat. Ir-regolament 3 ta' l-imsemmi Avviż Legali 183/2008 jipprovdi illi l-ebda bastiment żgħir m'għandu jintuża fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta kemm-il darba dak il-bastiment żgħir ma jkunx reġistrat mad-Direttur Eżekuttiv, eċċ. Mela l-appellant ma setax jiġi akkużat bi ksur tar-regolament 22 iżda semmai bi ksur tar-regolament 3.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.